11 ta' Diċembru, 1947

**Imħallef :**

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Avv. Dr. Filippo Buttigieg *versus* Domenico Azzopardi

**Avukat — Prokuratur Legali — Preskrizzjoni — Ġurament — Art. 2254 u 2255 tal-Kodiċi Ċivili.**

*L-azzjoni ta' l-avukat u tal-prokuratur legali għad-drittijiet tagħhom u għal spejjeż li jkunu għamlu taqa' bil-preskrizzjoni ta' sentejn. Din il-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn dak in-nhar tad-deċiżjoni finali jew tat-transazzjoni tal-kawża, jew minn dak in-nhar li jispiċċa l-inkariku; u fil-każ ta' drittijiet għal konsulti, ittri uffiċjali, protesti, mandati, rikorsi, jew attijiet oħra jew xogħol ieħor li ma jkollhomx x'jaqsmu mal-kawża li tkun miexja jew li tiġi mibdija, mill-jum tal-konsult, ta' l-att jew xogħol ieħor.*

*L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni hija kompatibili ma' l-eċċezzjoni li biha jiġi kontestat id-debitu. U jekk id-debitur jaħlef skond il-formula li tippreskrivi l-liġi għall-finijiet tal-preskrizzjoni, ma hix ammessa ebda prova da parti tal-kreditur in sostenn tal-kreditu tiegħu. Dak il-ġurament huwa deċiżorju.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attur talab illi l-konvenut jiġi kundannat iħallas lilu l-ammont ta' £25 bilanċ ta' somma akbar, għal drittijiet professjonali skond kontijiet fil-pussess ta' l-istess konvenut; bl-interessi legali middata tan-notifika ta' l-att taċ-ċitazzjoni u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-3 ta' Jannar 1947;

***Omissis;***

Tikkunsidra fuq l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Illi skond l-artikolu tal-liġi fuq imsemmi, taqa' bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' sentejn l-azzjoni ta' l-Avukat u tal-Prokuratur Legali għad-drittijiet tagħhom u għall-ispejjeż li jkunu għamlu (inċ. ċ); u skond l-artikolu susssegwenti (2255), il-preskrizzjoni ta' dik l-azzjoni tibda miexja minn dak in-nhar tad-deċiżjoni finali jew tat-transazzjoni tal-kawża, jew minn dak in-nhar li jispiċċa l-inkariku mogħti lill-avukat jew lill-

prokuratur legali (inċ. 1); u fil-każ ta' drittijiet għal konsulti, u ta' drittijiet jew spejjeż oħra, jew xogħol ieħor li ma jkollhomx x'jaqsmu mal-kawża li tkun miexja jew li tiġi mibdija, fi żmien sentejn mill-jum tal-konsult, ta' l-att jew ta' xogħol ieħor; iż-żmien meħtieġ għall-preskrizzjoni jibda minn dak il-jum;

Illi għalhekk ma jistax ikun hemm dubju li fil-każ preżenti għadda ż-żmien meħtieġ għall-preskrizzjoni; għaliex jirriżulta li l-kont relativ għal kawżi, atti, konsulti, xogħol ieħor, u spejjeż, ġie mill-attur mibgħut lill-konvenut fit-2 ta' Diċembru 1938; ijġifieri dawk il-kawżi u atti saru, il-konsulti ġew mogħtijin, u x-xogħol u l-ispejjeż ġew magħmulin, qabel dik id-data. L-attur ma għamel ebda prova li fl-aħħar sentejn qabel l-ispedizzjoni ta' l-ittra uffiċjali fuq imsemmija huwa għamel xi att li bih interrompa l-preskrizzjoni, jew li kien hemm da parti tal-konvenut ir-rikonjizzjoni tad-debitu tiegħu;

Tikkonsidra;

Illi l-attur jippretendi li l-konvenut ma jistax jinvoka l-preskrizzjoni, għar-raġuni li dana, fit-8 ta' Jannar 1946, kitbilu l-ittra li hemm fil-fol. 4 tal-proċess, fejn qallu :— "Irċevejt il-kont tiegħek, imma kif jirriżulta minnu stess, mill-pagament li kont għamiltlek fit-3 ta' Jannar 1941, jiena kont ħallastek kollox, billi l-bilanċ ta' l-ewwel partita, ta' 18s. 5d., kont għaddejtulı bħala riduzzjoni". L-attur jippretendi li b'din id-dikjarazzjoni tal-konvenut, li l-bilanċ ta' 18s. 5d. ġie lilu kondonat jew ridott, dana ħoloq rapporti oħra, li huma jekk verament ġiex kondonat jew ridott dan il-bilanċ, u jekk il-bilanċ kienx ta' 18s 5d. jew dak mitlub ta' £25, u kwindi huwa jista' jipprova li l-bilanċ ma hux dak pretiż mill-konvenut, u li l-bilanċ, kien x'kien, ma ġiex maħfur. L-attur evidentement jippretendi li billi l-konvenut ikkontesta l-eżistenza tal-bilanċ, ma jistax jeċċepixxi l-preskrizzjoni, għaliex din hija inkompatibili mal-kontestazzjoni tad-debitu;

Illi però, il-preskrizzjoni tista' tiġi eċċepita kompatibilment mal-kontestazzjoni ta' l-eżistenza tad-debitu. F'dan il-każ l-ineżistenza tal-bilanċ tad-debitu fuq imsemmi ssuċċediet, kif il-konvenut jippretendi, bir-remissjoni tal-kreditu. Id-dispożizzjoni ta' l-art. 2265 tal-Kodiċi Ċivili Tagħna hija dissimili mid-dispożizzjoni analoga tal-Kodiċi Ċivili Taljan. Għal

dak il-Kodići, difatti, il-ġurament deferit lid-debitur li joppo-ni dawn il-preżunzjonijiet brevi, huwa ntiż biex jiġi aċċertat jekk realment kienx hemm l-estinzjoni tad-debitu; mentri skond il-Kodići Tagħna l-formula tal-ġurament li jiġi deferit lill-*pretiż debitur hija dik li mhux debitur, jew li ma jiftakarx* jekk il-ħaġa ġietx imħallsa. L-ewwel parti tikkomprendi tant il-mankanza, għal kull raġuni, kemm l-estinzjoni ta' l-obligaz-zjoni bil-ħlas; it-tieni parti tissupponi l-obligazzjoni u tpoġġi fi kwistjoni l-estinzjoni tagħha;

Jingħad difatti fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-27 ta' Mejju 1885, *in re* "L. Pace Bonello, P.L. vs. Elvira Bu-geja Caruana" (Kollez. Vol. X, paġ. 755):— "Se si fosse in-teso significare (bl-ewwel parti) soltanto mancanza di debito per estinzione di una obbligazione ammessa, quasi che la prima parte di quella formula fosse per un debitore sicuro di avere pagato, e la seconda per uno che non ne avesse una chiara ri-cordanza, questa intenzione sarebbe stata espressa *colle parole* che hanno direttamente e naturalmente quel significato, esi-gendo che il convenuto giurasse di aver pagato o di non ricor-dare di non aver pagato". Għalhekk, fil-waqt li għall-Kodići Taljan dawn il-preskrizzjonijiet brevi huma bażati fuq il-pre-żunzjoni tal-pagament tad-debitu, skond il-Kodići Tagħna dawna l-istess preskrizzjonijiet *jistgħu jiġu eċċepiti anki mal-*kontestazzjoni tad-debitu (v. wkoll sentenza ta' l-Appell, 10, 4. 26 in re "Fenech vs. Bugeja", Kollez. XXVI-III-300), u kwin-di, fil-każ preżenti, anki mal-kontestazzjoni tal-bilanċ pretiż, fuq il-motiv li ma jeżistix għax estint bir-remissjoni tiegħu; u kwindi l-attur ma jistax jipprova l-eżistenza ta' dak il-bilanċ, għax ma ġiex *kondonat jew ridott, jekk, eċċepita* l-preskriz-zjoni, id-debitur jaħlef skond il-formula tal-liġi; u dana għar-raġuni li kontra dan il-ġurament, bħala deċiżorju, ta' min jeċ-ċepixxi l-preskrizzjoni, ma hi ammissibili l-ebda prova (App. 4 ta' Frar 1927, "Jacono vs. Serra", Kollez. Vol. XXVI-I-659);

*Billi l-konvenut ħalef skond il-formula indikata fl-art.* 2265 tal-Kodići Ċivili;

Tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konve-nut, u tiċħad it-talba ta' l-attur; bl-ispejjeż.